MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 152/2005

**Carmelo Sciberras (ID Card No 650058M)**

**Vs**

**Fondazzjoni ghall-Iskejjel ta' Ghada**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-Fondazzjoni konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata prevja kull dikjarazzjoni opportuna thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, sitt mija u tlieta u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm3693.18) rapprezentanti 'overtime' u/jew 'extra work' li l-istess attur ghamel waqt li kien fl-impjieg tal-konvenut u kif ukoll rapprezentanti spejjez inkorsi minnu fuq inkarigu tal-istess Fondazzjoni konvenuta sabiex sar BBQ fl-interess tal-istess Fondazzjoni konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, bl-imghaxjiiet legali u bil-Fondazzjoni konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess Fondazzjoni konvenuta (fol 10 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur qatt ma kien impjegat mal-Fondazzjoni konvenuta u ghalhekk il-fondazzjoni m'ghandhiex thallas lill-attur l-'overtime' u/jew 'extra work' li ghalihom qed jitlob il-hlas;
2. Illi fit-tieni lok ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez inkorsi minnu sabiex sar BBQ fl-interess tal-istess Fondazzjoni konvenuta, il-kawza hija intempestiva stante illi l-istess Fondazzjoni kienet talbet lill-attur sabiex jaghtiha l-ircevuti relattivi ghall-BBQ sabiex hi tghaddi biex taghmel il-hlas izda hu baqa ma pprezentax l-ircevuti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 104 u fol 118 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi l-attur spjega (fol 19 u fol 34 et seq ibid) illi, fiz-zmien in kwistjoni matul l-2002, kien impjegat civili fil-grad ta' 'ufficjal tekniku' mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni izda kien gie sekondat mal-Fondazzjoni konvenuta u l-inkarigu tieghu kien kif spjegat fix-xhieda tieghu.  Dwar dan l-inkarigu hu l-aktar li kien jikkomunika kien mac-'chief executive officer' taghha Alfred Ferrante.  Hu dam hekk sekondat ghal madwar sentejn u fuq inkarigu ta' dan, kien jahdem 'overtime' regolarment wara l-hinijiet normali tax-xoghol tieghu skond l-attur, Alfred Ferrante kien jaf li hu kien, jahdem dawn is-sieghat extra u kien ukoll japprova l-istess 'overtime'.  Inoltre, hu kien gie inkarigat f'okkazzjoni wahda, sabiex jorganizza 'barbeque' li inzamm u ghalih kien hemm presenti madwar mija u ghoxrin ruh u skond

hu, kien ta’ lill-istess Fondazzjoni l-fatturi kollha izda ghadu ma kienx thallas.

Dwar it-talba li l-attur qed jaghmel sabiex jithallas tal-‘overtime’ li hu hadem, hu kellu fil-pussess tieghu kopji tad-dokumenti relattivi waqt li in rigward il-‘barbeque’ huma kellux l-ircevuti relattivi fil-pussess tieghu stante li, skodn hu, kien tahom lill-Fondazzjoni kollha kemm huma hlief dik in rigward ix-xiri tal-inbid u dan stante li l-venditur ta’ dan ma kien tah l-ebda ircevuta fiskali.  Inoltre meta kien talab il-hlas ta’ kollox, kien jinghad lilu illi ‘… ser jiltaqa l-Bord’ tal-istess Fondazzjoni .  Sussegwentement, permezz ta’ nota l-attur (a fol 24 sa fol 32 tal-istess atti) esebixxa d-dokumenti relattivi ghall-hlas pretiz minn ufficjali bhala ‘overtime’ (Dok TA1 sa Dok TA 9).  Dawn id-dokumenti, in fotokopja, jkopru l-perijodu bejn il-5 ta’ April 2003 sal-11 ta’ Ottubru 2003 u fuqhom hemm specifikati s-sieghat kollha li skond l-atttur hadem bhala ‘overtime’ f’dan il-perjodu u fuqhom jidher li hemm zewg firem, wahda wara ‘project manager’ u fuq ‘certified correct’ u ohra fejn jew fuq in-naha tal-lemin. Fl-istess nota a fol 23 hemm specifikati r-rati ta’ ‘overtime’ li a bazi taghhom hu kkalkola l-ammont totali dovut bhala ’overtime’.  Dwar l-ammont pretiz minnu in konnessjoni mal-‘barbeque’ issir referenza ghad-dokument anness mal-atti a fol 56 ibid).

Illi gie prodott Alfred Ferrante (fol 41 et seq ibid) l-imsemmi ‘chief executive officer’ wara li spjega x’kien ix-xoghol li kellu jizvolgi l-attur mal-Fondazzjoni konvenuta wara li gie ssekondat minn dipartment Governattiv, ddeskriva lill-istess attur bhala kompetenti fix-xoghol tieghu adattat hafna sabiex jinvolvi problemi li kienu jinqalghu ma’ kontratturi.  Mid-dokumenti, presentati mill-attur u li jinsabu a fol 24 et seq ibid, ix-xhud, bhala s-superjur dirett ta’ dan, kkonferma li, fuq dawn it-talbiet ghal hlas ta’ overtime’ sottomessi, kien hemm il-firma tieghu u dan juri li hu kien approva s-sieghat ta’ ‘overtime’ hemm specifikati u li dawn inhadmu mill-attur.  Inoltre fuqhom hemm ukoll il-firma ta’ Joseph Grima, l-‘project manager’ involut u li kien jinvolvi ruhu, qua ‘project manager’ sabiex jara li xoghol partikolari jkun “ ‘entro l-‘budget’ “, jsir bil-kwalita mehtiega u jigi esegwit fil-hin.

Dwar l-istess dokumenti a fol 24 et seq ibid , hu kien iffirmahom l-ewwel nett '… fuq il-fiducja illi kellu favur l-attur'. Inoltre, hu kien jaghmel ukoll stima tal-hin rikjest sabiex '… certu xoghol' jsir. In rigward Joseph Grima (fol 45 et seq ibid) gja msemmija ikkonferma illi '… is-sieghat kollha (ta' overtime) …gew imnizzlin mill-istess attur' l-istess dokumenti huma ffirmati mix-xhud u 'Din tikkonferma illi x-xoghol 'overtime' da parti ta' l-attur kien effettivament u filfatt sar'. In kontro ezmi, hu kompla jghid illi '… mill-'inspections; li ghamilt jidher illi dak imnizzel fuq dawn il-forom huwa korrett'.

Illi 'chief finance officer' Christopher Pullicino (fol 52 u fol et seq ibid) tal-Fondazzjoni konvenuta, wara li kkonferma li l-attur kien addett ghall-manutenzjoni ta' skejjel fuq barra u ta' 'supervisor' fuq kuntratturi, spjega li wara li l-attur kien jghaddilhu d-dokumenti kollha relattivi ghal hlas ta' sahra, hu kien jghaddihom lid-divisjoni lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u din kienet teffettwa l-hlas. Dwar approvazzjoni ta' sahra hu qal li din ma kienetx f'idejh izda f'idejn ic-'chief executive' tal-Fondazzjoni.

Inoltre dwar il-kwistjoni tal-barbeque organizzat mill-attur fuq inkarigu moghti lilu mill-istess 'chief executive', ix-xhud esebixxa d-dokument a fol 56 tal-atti u li nghata lilu mill-istess attur. Dwar l-istess 'barbeque' ix-xhud spjega li dan id-dokument ma kienx akkompanjat b'xi rcevuta fiskali sabiex tiggustifika l-spejjes elenkati fl-istess dokument. Dwar id-dokumenti esebiti t-talbiet ghal hlas ta' sahra da parti tal-attur kienu saru wara Ottubru 2003, f'liema xahar l-attur ma kienx ghadu ssekondat mal-Fondazzjoni. L-istess talbiet kienu jirreferu ghall-perjodi minn April 2003 u d-dokumenti in esami (ara fol 57 sa fol 63) ma kienux ffirmati minn xi hadd u ghalhekk ma setax japprova l-pagament lill-attur. Wara li tkellem dwar dan in-nuqqas mal-attur, dan f'Mejju 2005 '... pproducieli ohrajn li pero' kienu ffirmati'. Hu kkonferma illi fuq dawn tal-ahhar kien hemm il-firem ta' Alfred Ferrante u ta' Joseph Grima. Pero x-xhud spjega ukoll illi 'fil-perjodu in kwistjoni' l-ewwel wiehed kien di gja spicca mill-kariga ta' 'chief executive Officer' waqt li t-tieni wiehed ma kienx' … il-project manager' involut suppost fil-progetti li kien involut

fihom l-attur'. Dwar il-kwistjoni tal-'barbeque' l-attur ma kienx thallas minhabba li ma pprovuduciex ircevuti fiskali kif ukoll minhabba nuqqas da parti tieghu li jrodd lura 'camera mislufa lilu mill-Fondazzjoni (ara ukoll iz-zewg ittri esebiti mill-istess attur a fol 66 u fol 67 ibid).

Illi, kif jidher a fol 72 u fol 98, l-istess Christopher Pullicino rega xehed, din id-darba prodott mill-Fondazzjoni konvenuta u in kontro esami mill-attur. Fl-'affidavit' tieghu hu semma illi kien il-Bord tal-Fondazzjoni li ma approvatx il-pagament ta' sahra lill-attur u dan wara li hu kien ircieva ghat-tieni darba t-talbiet relattivi, izda ffirmati minn Alfred Ferrante u Joseph Grima. Inoltre hu ssottolinea illi sakemm Alfred Ferrante baqa' jokkupa l-kariga tieghu, u dan sa Ottubru 2003, hu, x-xhud ma kienx irceva dawn it-talbiet ffirmati mill-istess Alfred Ferrante u rega' sahaq li kien ircevihom f'Mejju 2005. Inoltre hu semma illi hu qatt ma kien ra' l-original tal-istess talbiet izda dejjem foto kopja taghhom.

Ikkunsidrat

Illi t-talba in esami, kif jidher mill-premess u mill-avviz in esami hi maqsuma fi tnejn cjoe:-

a) Spejjes inkorsi mill-attur sabiex jorganizza barbeque ghal membri tal-istess Fondazzjoni.

Dwar dan, l-attur, oltre x-xhieda, ppresenta elenku tal-ispejjes inkorsi minnu. Dwar l-istess talba, l-attur jsostni li hu kien ta' l-ircevuti kollha lil Alfred Ferrante waqt li dan sahaq li, avolja kien talabhom minghand l-attur, dan tal-ahhar qatt ma kien tahomlu. In rigward dan, il-Qorti tara' li l-attur, waqt dawn il-proceduri, ma gabx a konjizzjoni taghha l-ircevuti fiskali in sostenn ta' din il-pretenzjoni haga li fil-fehma tal-istess Qorti kienet possibbli li ssir da parti tal-attur. Fl-isfond ta' dan in-nuqqas da parti tal-attur, il-Qorti hi tal-fehma illi l-ammont relattiv ghal din il-pretensjoni ma giex sufficjentement pruvat mill-attur.

b) Ammont allegatament dovut ghal '… overtime u/jew 'extra work' li l-istess attur ghamel …..

Dwar din il-parti tat-talba in esami, il-Fondazzjoni konvenuta tikkontendi li l-attur ma kienx impjegat maghha. Teknikament dan jista' jkun minnu pero jidher ukoll mix-xhieda ta' Alfred Ferrante illi l-istess Fondazzjoni kienet tircievi it-talbiet ghal hlas ta' sahra, li kienu bhala 'chief executive officer' li japprovahom jew jichadhom u li, sussegwement, minn kien jaghmel it-talba kien jithallas o meno dak mitlub. Jkun opportun illi issir referenza, ukoll, ghaz-zewg ittri gja imsemmija u li jinsabu annessi a fol 66 u fol 67 tal-istess atti. Min dawn l-ittri, b'referenza ghal din it-talba, b'mod specifiku, jidher li kienet l-istess Fondazzjoni li kienet qed tirrispingi t-talba tal-attur relattiva ghal din il-pretensjoni u dan mill-kliem '… qabel ma jikkonsideraw it-talba, il-klijenti taghna (ossija il-Fondazzjoni) ghandhom jinghataw kopja ta' kull awtorizzazzjoni li saret …'. Minn dan premess jidher car li l-pretenzjoni tal-attur saret korrettement kontra l-Fondazzjoni li maghha hu kien issekondatat mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Dan premess, dwar il-meritu ta' din it-talba hu minnu li t-talbiet bil-miktub ghal hlas ta' sahra sar, se certu punt b'mod mhux kif suppost u pjuttost legger liema fatt jidher car mix-xhieda ta' Christopher Pullicino. Pero jidher ukoll b'mod specjali mix-xhieda ta' Alfred Ferrante li dan kien approva l-hlas tal-ammont ta' sahra pretiz mill-attur. Da parti tal-Fondazzjoni, ma ingiebet ebda prova konkreta li turi, fuq bazi ta' probabilita, illi l-attur, fir-realta u bhala fatt, ma kienx hadem is-sieghat ta' sahra dikjarati minnu anzi jidher l-oppost mix-xhieda ta' Alfred Ferrante kif ukoll ta' Joseph Grima. F'dan l-isfond, avolja l-Qorti tirritjeni li l-istess talbiet saru mill-attur u gew approvati mill-persuna kompetenti b'mod mill-aktar approssimattiv, il-Qorti hi konvinta, fin-nuqqas ta' prova kontrarja, illi l-attur pprova din it-talba skond il-ligi u dejjem fuq bazi ta' probabilta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' 'in parte' it-talba attrici u waqt li tichad dik in konnessjoni mal-ispejjes ta' 'barbeque', tilqa dik maghmula in konnessjoni ma hlas ta' sahra ossija 'overtime' u/jew 'extra work' u ghalhekk tikkundanna lill-fondazzjoni konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm3,118 ossija €7262.99 bl-imghaxijiet

legali mill-17 ta' Marzu 2005 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal wiehed minn seba' (1/7) mill-attur u kwantu ghal sitta minn sebgha (6/7) mill-Fondazzjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------